# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

ĠUDIKATUR
DR JOHN BONELLO, B.A., LL.M.(IMLI), LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 12 ta' Ottubru, 2015**

Talba Nru: 466/2014JB

Numru 12

**M. Demajo (Wines & Spirits) Ltd.**

**vs**

**Cruz Enterprise Ltd. (C41613) u b'digriet tal-24 ta' Settembru 2015, isem is-socjeta konvenuta gie korrett ghal "Cruz Enterprises Limited (C41613)"**

It-Tribunal,

Ra l-avviz tat-talba pprezentat fis-16 ta' Lulju 2014, li jaqra hekk:-

> Illi s-socjeta' konvenuta hija debitrici tas-socjeta attrici fis-somma ta' elf, mitejn u ghoxrin Euro u tmienja u hamsin centezimu (€1,220.58) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' merkanzija, precizament xorb, mibjugha u kkonsenjata lill-istess socjeta' konvenuta fuq struzzjonijiet taghha stess u servizzi ohra ancillari, u dana kif jirrizulta mill-anness prospett immarkat (Dok A), oltre l-imghax legali mid-data ta' kull fattura sad-data tal-pagament effettiv.
>
> Illi is-socjeta' konvenuta giet interpellata sabiex thallas din is-somma izda baqghet inadempjenti.
>
> Ghaldaqstant s-socjeta' konvenuta ghandha tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici l-imsemmija somma ta' elf, mitejn u ghoxrin Ewro u tmienja u hamsin centezimu (€1,220.58) u dana oltre l-imghax legali mid-data ta' kull fattura sad-data tal-pagament effettiv u l-ispejjez u d-drittijiet ta' dawn il-proceduri inkluzi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju pprezentat kontestwalment ma' dan l-Avviz, kontra is-socjeta' konvenuta mil-lum ingunta ghas-subizzjoni.

Is-socjeta' konvenuta tat ruhha b'notifikata in atti (a fol 42) fil-waqt li intavolat risposta fis-26 ta' Awissu 2014, li permezz taghha wiegbet kif gej: -

> Illi t-talbiet tal-attur ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess, u dan ghas-segwenti ragunijiet:
>
> Illi fl-ewwel lok ghandu jigi ppruvat li kienet is-socjeta' konvenuta' li rceviet din il-merkanzija u dan peress li s-socjeta' konvenuta dejjem hallset ghall-merkanzija minnha ircevuta.
>
> Illi ghalhekk ebda ammont ma hu dovut mill-konvenut lill-attur.

Ra li l-kawza giet appuntata ghas-seduta tal-5 ta' Novembru 2014 minn fejn imbaghad thalliet ghall-provi tal-kontendenti;

Sama' x-xhieda prodotti mill-partijiet;

Ra l-atti u d-dokumenti kollha;

Sama' t-trattazzjoni tal-abbli difensuri tal-partijiet;

Ra li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidra;

Illi bil-kawza odjerna, is-Socjeta Attrici harrket lis-Socjeta Konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' €1,220.58 rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' merkanzija, precizament xorb, mibjugha u kkonsenjata lill-istess socjeta' konvenuta fuq struzzjonijiet taghha stess u servizzi ohra ancillari. In sostenn tat-talba taghha, is-Socjeta Attrici ressqet bhala xhieda lil Joseph Griscti, Brendan Azzopardi, Grant Degiorgio u Edward Sant Fournier;

Joseph Griscti, li hu *Credit Controller* mas-Socjeta Attrici (a fol 19) ikkonferma l-ammont pretiz u pprezenta tliet fatturi (a fol 24, 25, u 26) li huma l-istess tliet fatturi li ghalihom hemm riferenza fil-prospett (a fol 2). Huwa pprezenta wkoll "credit application form" li kienet saret f'isem is-Socjeta Konvenuta lis-Socjeta Attrici (a fol 27 u 28). Din l-informazzjoni, Griscti jghid li gabha mir-*records* tas-Socjeta Attrici. Meta xehed in kontro-ezami (a fol 37), Griscti ikkonferma dan it-taghrif u spjega li l-*credit application form* taqa' fil-mansjoni tas-Sales Manager. Hu jghid li l-provvisti lis-Socjeta Konvenuta kienu jsiru mill-2011 'il quddiem u li s-Socjeta Konvenuta effettivament kienet tinghata kreditu;

Brendan Azzopardi, li hu *Sales Representative* mas-Socjeta Attrici (a fol 19bis) ikkonferma li hu kien il-persuna li kien jircievi l-ordnijiet minghand is-Socjeta Attrici u senjatament minghand certu Eduardo. Il-bar in kwistjoni kien jismu Vox Ultra Lounge. Spjega kif kienu jigu pprocessati l-ordnijiet. Spjega li r-relazzjoni kienet wahda tajba. Dwar it-tliet invoices pprezentati minn Griscti jghid li qieghed jaghrafhom u li dwarhom kien tkellem ma' Eduardo li kellu jivverifika dwarhom imbaghad ihallashom, pero' baqghu pendenti. Meta xehed in kontro-ezami (a fol 36), Azzopardi kkonferma dan it-taghrif u spjega li dan Eduardo kien javzah min hu l-manager u kwindi kien jaccetta l-ordnijiet;

Grant Degiorgio, li hu *Deliveryman* mas-Socjeta Attrici (a fol 21) ikkonferma li kien hu li mar bix-xoghol u gharaf il-firma tieghu. Jghid li kieku sar il-hlas kien jaghmel notament f'dan is-sens. Jghid li meta jithallas, min ikun ircieva l-merkanzija ma jiffirmax fuq il-fattura mentri meta ma jithallasx, min jircievi x-xoghol, jiffirma l-fattura. Meta xehed in kontro-ezami (a fol 34), Degiorgio kkonferma dan it-taghrif u spjega li ma kienetx l-ewwel darba li mexa b'dan il-mod mas-Socjeta Konvenuta;

Edward Sant Fournier, li hu *Sales Manager* mas-Socjeta Attrici (a fol 23) ipprezenta email li kien baghat (a fol 30) u li baqghet bla risposta. Meta xehed in kontro-ezami (a fol 38), Sant Fournier ma setax jghid jekk sarux ordnijiet ohra imma kkonferma li mhemmx pendenzi ohra bejn il-kontendenti;

Is-Socjeta Konvenuta ressqet bhala xhud lid-Direttur taghha, Eduardo Duandes (a fol 43). Duandes ikkonferma li s-Socjeta Konvenuta kienet tiggestixxi bar li kien jismu Vox gewwa Paceville, liema bar kienu jmexxuh impjegati peress li hu ma kienx prezenti kontinwament f'Malta. Jghid li hu kien fehem li jekk ma jkunx f'Malta kien se jaffaccja diffikultajiet fil-gestjoni tal-istess bar. Jghid li l-ordnijiet kienu jaghmluhom l-impjegati u ghad li ma jsemmix isem il-*manager* li kellu, jghid li dan kien Ungeriz li mghadux jabita f'Malta. In kontro-ezami, Duandes ikkonferma li ma kienx ikun dejjem prezenti meta titwassal il-merkanzija. Jghid ukoll li l-ftehim kien li ma' kull kunsinna, tithallas il-fattura precedenti. Jghid li ma kellux *credit agreement* mas-Socjeta Attrici fil-waqt li kkonferma n-numru tal-Passaport tieghu. Huwa kkonferma wkoll li kien ircieva komunikazzjoni minghand is-Socjeta Attrici imma hadd ma kien kellmu dwar il-kreditu pretiz;

Ikkunsidra;

Illi fil-kaz odjern, jirrizulta li l-kontestazzjoni hija dwar il-bejgh u l-kunsinna ta' merkanzija ossia xorb alkoholiku, bl-Attrici tghid li rceviet ordnijiet minghand is-Socjeta Konvenuta li kienet tiggestixxi bar u li effettivament tali merkanzija ttiehdet gewwa l-bar Vox fil-waqt li l-Konvenuta tikkontendi li dina l-merkanzija qatt ma twasslet u li fi kwalunkwe kaz ma setax ikun li tigi ordnata merkanzija u ma tithallasx peress li ma kienx hemm ftehim ghal kreditu u li l-aktar l-aktar ma' kull kunsinna kellha tithallas il-fattura precedenti. Is-Socjeta Attrici pprezentat *credit application form* li ghad li l-firma fuqu mhijiex cara, in-numru tal-karta tal-identita riportat fuqha jaqbel man-numru tal-passaport ta' Eduardo Duandes. Hu car li dan Duandes kellu problemi sabiex jimmanniggja n-negozju minn barra minn Malta, kif wara kollox stqarr hu stess. Mill-banda 'l ohra, mix-xhieda tal-erba' persuni prodotti mis-Socjeta Attrici jidher bic-car li din kellha sistemi flokhom intizi sabiex ordni tigi processata kif imiss;

Harsa lejn il-*credit application form* turi li c-credit terms kienu ta' xahar u l-*credit limit* kien ta' elfejn euro (€2,000) fil-waqt li harsa lejn il-fatturi turi li l-kunsinni saru fuq medda ta' xahrejn bejn April u Gunju 2012 u l-ammont globali certament ma kienx jisboq il-*credit limit*;

Ikkunsidra;

Illi ghat-Tribunal mhemmx dubju li l-*credit application form* kienet tassew saret mis-Socjeta Konvenuta. B'kull rispett, mhux facli li wiehed isib in-numru tal-Passaport Rumen ta' Duandes u jnizzlu fuq dokument. Mill-banda 'l ohra, il-fatt li l-firem fuq id-*delivery notes* mhumiex cari (ghad li f'dik a fol 25 hemm isem li jidher li hu ta' xi persuna barranija) bl-ebda mod ma jitfa' xi dell fuq is-Socjeta Attrici ghaliex kif stqarr Degiorgio, jidher li din kienet il-procedura li normalment tintuza. Naturalment, il-provvisti mertu tal-kawza jirrigwardaw ammonti relattivament zghar u t-Tribunal ma jarax li fic-cirkostanzi normali tan-negozju, *delivery man* huwa mistenni li jsegwi xi formalitajiet partikolari. Del resto, hu ben maghruf li l-prova tal-kunsinna tista' anke ssir b'mezzi ohra minn barra bil-firma tar-ricevitur;

It-Tribunal ihoss li effettivament, il-verzjoni tas-Socjeta' Attrici hija iktar kredibbli, u wkoll hafna iktar versosimili, minn dik tas-Socjeta Konvenuta. Certament li fil-kaz odjern, is-Socjeta Attrici irnexxielha ggib prova tal-kunsinna u tat-tip ta' relazzjoni li kellha mas-Socjeta Kovenuta. It-Tribunal ma jarax ghalfejn mghandux jistrieh fuq il-provi li ghandu quddiemu;

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal, jaqta' u jiddeciedi l-kawza billi fil-waqt li jichad l-eccezzjonijiet tas-Socjeta Konvenuta, jilqa' t-Talba attrici u jikkundanna lis-Socjeta Konvenuta thallas lis-Socjeta Attrici s-somma ta' elf, mitejn u ghoxrin Ewro u tmienja u hamsin centezimu (€1,220.58), u dana oltre l-imghax skond il-ligi. Spejjez a karigu tas-Socjeta Konvenuta.

Dr John Bonello
*Ġudikatur*

Alan K. Zerafa
*Deputat Reġistratur*